*ma* 'vokabolarju' *tal-Isien Malti*''; vokabolarju ta' ħtieġa kbira għal min jistudja l-Malti, inżid intenni jien.

Ta' għoxrin sena, temm l-istudju tiegħu fil-Liċeo, daħal skrivan fil-Makna tad-dqiq u l-Pastifiċju tas-Sur Wiġ Farrugia. Fis-sur Farrugia, Rikard, dejjem sab it-tieni misser u Prinċipal Nisrani. Kien fdat u kien jaħdem bil-qalb u b'ħeġġa nisranija. Fil-bidu ta' l-ewwel gwerra tad-dinja nfetaħ il-'Museum' ta' Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun. Rikard, minn ta' l-ewwel intgħażel b'wieħed mit-Tnax-il Appostlu tal-Museum. U minn dak in-nhar sa l-aħħar jiem ta' ħajtu baqa' jaħdem fil-Qasam tal-Mu-lej, jagħmel il-ġid 'l għajru bil-kelma, bil-pinna u bl-eżempju— it-tliet għodod imħaddmin mis-Superjuri kollha tal-Museum.

Biex igħin lil ħutu, lin-neputijiet li kienu għadhom trabi u sef-għu orfni minn missierhom u ommhom, daħal sieħeb ma' ieħor u fetħu Makna tal-għaġin. Għall-ewwel kollox kien miexi b'wiċċ il-ġid, kulħadd jaqla' biċċa ħobż, proprjetarji u ħaddiema. Iżda, ma damx ma beda jinqala' l-għawġ. Ix-xitan ma jaħmelx it-taj-jeb igħix. Min hu fil-kummerċ jaf x'jiġifieri. U wasal jum li l-Makna ħtiġilha tagħlaq u n-negozju tal-għaġin sfratta. Iżda Alla ħanin, tah negozju ieħor: negozju mal-Knisja; u b'hekk, baqa' jgħaddi ż-żmien jinnegozja bla xejn titrif ta' ruħu.

Sa l-aħħar jiem ta' ħajtu baqa' jħobb u jaqdi 'l Alla, jagħ-mel il-ġid 'l għajru u jaħdem għall-familja għad li ried sata' jgħix bil-kwiet kollu fis-satra ta' daru bla ma jonqsu xejn im-dawwar u maħbub mit-tliet ħutu xebbiet, fosthom Rakel Mifsud Bonnici poetessa oħra u Awtura ta' ħafna poeżiji li dehru l-ik-tar fil-''Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù''. Mill-pinna tagħha ħareġ il-kliem ta' ''tifkira'' tal-mewt ta' ħuha Rikard li ġrat fit-23 ta' Settembru 1948, u minn qalbha din l-istrofa:

*Ma damx imdejjaq, mar bħaċ-ċkejknin!*
*Hekk jimxi Alla mal-magħżulin...*
*Ma mietx, 'mma bidel ħajtu taż-żmien*
*Ma' għarqet is-sema li bħalha mkien!...*

---



# Talba

## WEMEN MISSIRIJIETNA

*Inġibu hawnhekk din id-daqsxejn ta' kontribuzzjoni tal-mejjet RIKARD MIFSUD BONNICI li tiegħu ġibna bijogra-fija hawn qabel. Din kienet baqgħet mal-manuskritti tal-kon-tribuzzjonijiet għall-''Malti'', u bħala tifkira għażiża ta' ismu, bħala kittieb u membru tal-''Għaqda'', nirregalawha lill-qarrejja tagħna.*

Sa mill-ibgħad żmenijiet, il-fidi f'qalb missirijietna kienet imseddqa f'qalbhom fid-doti kollha tagħha:— qawwija, lieżma, ħajja u kollu kemm huwa t-tagħlim li nissel fihom il-Kbir Ap-postlu Missier tagħna San Pawl.

Jiena, li nħobb minn qaddisi sa minn żgħoriti x-xjuħ, erħili nindehes u nitħabbeb magħhom, nistaqsihom fuq kemm-il fet-tuqa, ksibt minn għandhom nitfa ta' talba, fis-sura iva, iżda tis-wa qatigħ f'tifsiritha, billi tgħarrafna kemm missirijietna kienu insara minn qalbhom u le ta' l-isem.

Din it-talba kienu dlonk itennuha missirijietna meta kien igħaddi l-Vjatku Imqaddes minn quddiem biebhom, u billi msej-knin ma kinux ikunu jistgħu jissieħbu wrajh mat-tajfa, kienu għalhekk bl-akbar ħerqa jgħiduha minn wara biebhom għarkob-btejhom fil-ħin li jibagħtu l-anġlu wenniesi tagħhom jingħaqad u jissieħeb mal-ġlajka ta' l-anġli l-oħra li mal-Vjatku Imqaddes ikunu għaddejja.

It-talba hija din:

*Palma palmata;*
*Reġina nkurunata:*
*Leħen ta' l-Anġli:*
*Nar ta' l-Ispirtu s-Santu;*
*B'għajnejja ma narakx,*
*Ġe qalbi nillodak,*
*Nixtieq nirbaħ l-indulġenzi,*
*Bħala n-nies li jiġru wrajk.*